**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2001**

**Numru 8**
**Citaz. Nru. 857/95 FDP**

**Joseph u Carmelo ahwa Delorenzo**

**Vs**

**Rose Friggieri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fil-31 ta' Jannar, 1989, mietet f'Cospicua, Carmela Gauci oht il-kontendenti;

Premess illi din ghamlet testment datat is-7 ta' Awissu, 1981 fl-atti tan-nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona (Dok. "A");

Premess illi Carmela Gauci halliet bhala unici eredi universali u proprjetarji assoluti tal-beni taghha lil hutha Joseph u Carmelo Delorenzou Rose mizzewga Friggieri, u halliet l-uzu u l-uzufrutt ta' dawn il-beni lil zewgha John Gauci;

Premess illi r-ragel tat-testatrici John Gauci miet qabilha u ghalhekk l-uzu u l-uzufrutt tal-beni kollha taghha ghaddew ghand hutha fuq imsemmija;

Premess illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni u jridu li l-wirt jinqasam f'ishma ugwali bejniethom, b'mod partikolari li l-proprjeta` immobiljari formanti parti mill-wirt ta' Carmela Gauci jigu licitati ga la darba dawn ma jkunux komodament divizibbli;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna l-likwidazzjoni tant tal-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' l-imsemmijin Carmela u John Gauci, partikolarment dawk appartenenti lil Carmela Gauci, u kif ukoll ta' dawk formanti l-assijiet partikolari ta' Carmela Gauci billi jigu dikjarati li jikkonsistu fil-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tordna li jigu divizi fi tlett kwoti u prozjonijiet ugwali lijigu assenjati bix-xorti jew altrimenti, wahda kull wiehed lill-atturi;

3. Tordna jekk ikun il-kaz il-bejgh b'licitazzjoni tal-proprjeta` immobbiljari ereditarja u dan prevja l-istimi taghhom;

4. Tinnomina ghall-finijiet fuq premessi, perit arkitett biex jaghmel pjan ta' qasma u / jew licitazzjoni kif ikun il-kaz, Nutar biex jircievi l-att relattiv u kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-att relattiv;

Bl-ispejjez, inkluz dawk relattivi ghall-ittri interpellatorji tal-11 ta' Awissu, 1992, tat-2 ta' Awissu, 1993, ta' l-24 ta' Novembru, 1993 u tas-16 ta' Gunju, 1993, kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rose Friggieri fejn eccepiet:-

1. Illi l-ewwelnett l-azzjoni kienet intempestiva ghaliex l-esekuterija taghha skond it-testment tad-decujus ma kienx ghadha terminata u l-atturi ma kienux qed jitolbu rendikont ta' l-istess;

2. Illi ghalhekk hija kellha tithallas tas-servizzi taghha bhala esekutrici;

3. Illi salv il-premess hija ma kienetx topponi ghad-divizjoni salv l-accertazzjoni tal-kwoti u valuri ereditarji;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju 1996, li permezz tieghu gew nominati bhala esperti gudizzjarji l-Avukat Dr. Irene Bonello u AIC Edgar Rossignaud biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-esperti nominati li jinsabu esebiti a fol. 110 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-Udjenza tal-11 ta' Ottubru 2000;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tikkoncerna l-wirt ta' Carmela Gauci li mietet fil-31 ta' Jannar 1989;

Illi skond it-testment ta' l-imsemmija *decuius* tas-7 ta' Awissu 1981 hija kienet istitwiet bhala eredi taghha lit-tlett hutha li huma it-tlett kontendenti;

Illi jidher li l-assi immobiljari ta' l-imsemmija *decuius* huma s-sitt proprjetajiet elenkati fir-relazzjoni; tnejn minnhom li kellha t-totalita` tal-proprjeta` u erba' li kien hemm sehem indiviz li huwa indikat anki fid-dokument CT1 u li gew konfermati fil-paragrafu 3.3 tar-relazzjoni ta' l-espert gudizzjarju;

Illi fl-istess paragrafu tar-relazzjoni hemm ukoll indikati l-mobbli kif ukoll il-flus fil-banek jew minn kirjiet; ma jidhirx li l-partijiet kellhom xi oggezzjoni ghas-suggerimenti maghmula fir-rapport peritali u l-Qorti sejra tadotta dawn il-proposti; pero` wara l-prezentata tar-relazzjoni l-atturi ressqu bhala xhud lil Anthony Friggieri li jigi iben il-konvenuta Rose u dan intalab dettalji dwar id-denunzja li rrizulta li kien ipprezenta wara l-mewt ta' l-imsemmija Carmela Gauci u dan fuq istruzzjonijiet u bhala "mandatarju" ta' ommu l-konvenuta Rose Friggieri. Il-htiega tieghu qamet fir-rigward ta' l-ammont ta' elf, erba' mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm1461) li kien gie rifuz mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u inkassat mill-istess xhud Anthony Friggieri; dana l-ammont fl-imsemmi rapport kien identifikat bhala parti mill-attiv ta' l-assi ereditarju;

Illi r-risposti li ta dan ix-xhud quddiem il-Qorti fis-sustanza rrizultaw evazivi, inkonklusivi u hafna drabi anki kontradittorji u

l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li huwa ma setax jigi kkonsidrat bhala xhud kredibbli; irrizulta pero` li huwa agixxa bhala mandatarju ta' ommu u fuq istruzzjonijiet taghha u ghalhekk l-ammont imsemmi ghandu jigi konsiderat li gie inkassat mill-mandanti tieghu cioe` mill-konvenuta u ghalhekk dina ghandha tirrifondi terz lil kull wiehed miz-zewg atturi hutha; dina r-rifussjoni sejra tigi konsiderata aktar 'il quddiem bhala parti mid-divizjoni ordnata;

Illi ghalhekk taht dan il-kap ikun ekwu u prattiku li mill-ammont ta' flus kontanti li jinsabu fil-banek jew inkella flus li ghandhom jithallsu tal-kera, iz-zewg atturi wahedhom ghandhom kull wiehed jircevu s-somma ta' Lm1461 biex b'hekk it-tlett ulied ikunu hadu indaqs; il-bilanc (wara li jkunu mnaqqsa Lm1461 x 3) jigi diviz ugwalment bejn it-tlett partijiet. Minn dawn l-ammonti imbaghad, kull parti thallas lill-ohrajn (jekk ikun il-kaz) l-ekwiparazzjoni suggerita fir-rapport peritali.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tillikwida l-beni fil-wirt ta' Carmela Gauci bhala konsistenti fil-fondi 14, Triq Abram Gatt, Cospicua; 10, Sqaq Srejdek, Cospicua; nofs (½) indiviz tal-fond 109, Triq l-Oratorju, Cospicua; nofs (½) indiviz tal-fond 13, Triq Abram Gatt, Cospicua; kwart (¼) indiviz tal-fond 12, Triq Abram Gatt, Cospicua; u kwart (¼) indiviz tal-kamra 10, Triq il-Kewkba,

Cospicua; kif ukoll fil-mobbli, deheb u hagar prezzjuz elenkati fil-paragrafu 3.3 (ii) ta' l-imsemmija relazzjoni; kif ukoll fil-flus elenkati fil-paragrafu 3.3 (iii) ta' l-istess relazzjoni u indikati bhala disat elef, tlett mija u tnejn u tletin liri Maltin u elf, erba' mija u wiehed u sittin liri Maltin (Lm9332 + Lm1461) oltre l-interessi li jkunu akkumulaw;

Tilqa' t-Tieni Domanda u tordna d-divizjoni bejn il-kontendenti ta' l-istess beni billi mill-imsemmija flus depozitati jew tal-kera (b'kollox Lm9332) jigu assenjati liz-zewg atturi s-somma ta' elf erba' mija u wiehed u sittin liri Maltin (Lm1461) kull wiehed; il-balanc ta' sitt elef erba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm6410) ghandu jinqasam fi tlett porzjonijiet ugwali u assenjati wiehed lil kull wahda mill-partijiet b'mod li kull parti tkun ghalhekk hadet komplessivament is-somma ta' tlett elef hames mija u tmienja u disghin liri Maltin (Lm3598); il-beni immobbli ghandu jinqasmu fi tlett kwoti kif suggerit fir-rapport peritali u cioe`: Kwota I tikkonsisti fin-nofs (½) indiviz tal-fond 109 Triq l-Oratorju, Cospicua u n-nofs (½) indiviz tal-fond 13, Triq Abram Gatt, Cospicua tal-valur ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) kif ukoll ghall-ekwiparazzjoni taghti s-somma ta' disgha u tmenin lira Maltin, sittax-il centezmu u seba' millezmi (Lm89.16,7) lill-Kwota III; Kwota II li tikkonsisti fil-fond 10, Sqaq Srejdek, Cospicua tal-valur ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) u bhala ekwiparazzjoni taghti s-somma ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltin, sittax-il centezmu u seba' millezmi (Lm589.16,7) lil Kwota III; Kwota III li tikkonsisti fil-fond

14 Triq Abram Gatt, Cospicua tal-valur ta' disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm950), kwart (¼) indiviz tal-fond 12 Triq Abram Gatt, Cospicua, tal-valur ta' mitejn sebgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm237.50); kwart (¼) indiviz tal-kamra 10 Triq il-Kewkba, Cospicua tal-valur ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) u bhala ekwiparazzjoni tircievi s-somma ta' disgha u tmenin lira Maltin, sittax-il centezmu u seba' millezmi (Lm89.16,7) minghand Kwota I u s-somma ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltin, sittax-il centezmu u seba' millezmi (Lm589.16,7) minghand Kwota II; dawn it-tlett kwoti f'pizijiet jew krediti taghhom ghandhom jigu assenjati wiehed lil kull parti wara li jsir is-sortegg opportun min-nutar sottoskritt;

Il-mobbli, deheb u hagar prezzjuz ghandhom jinqasmu fi tlett porzjonijiet ta' valur ugwali u assenjat ukoll wahda lil kull parti wara li jsir l-opportun sortegg mill-istess nutar;

L-interessi bankarji u l-kera li jkun skada sad-data tad-divizjoni ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti;

Inoltre jigi deciz li z-zewg atturi ghandhom mis-sehem lilhom hawn fuq assenjat, ihallsu lill-konvenuta s-somma ta' disgha u erbghin lira Maltin (Lm49) kull wiehed;

Tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tat-Tielet Domanda in vista tad-divizjoni kif deciza;

Tiddeciedi r-Raba' Domanda billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghan-nomina ta' Perit

Arkitett li gja gie nominat, u tilqa' t-tieni parti tad-Domanda billi tinnomina lin-Nutar Dr. Elizabeth Sciriha biex tircievi l-att ta' divizjoni opportuna u lill-avukat Dr. Irene Bonello biex tirraprezenta lill-eventwali kontumaci; l-imsemmi att ta' divizjoni ghandu jigi ppubblikat f'wahda mill-Awli tal-Qorti Superjuri fid-29 ta' Jannar, tas-sena 2002 fl-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30 a.m.).

L-ispejjez jithallsu terz minn kull parti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur